IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA U Ż-ŻGĦAŻAGĦ



curia.europa.eu

# INTRODUZZJONI

Mill-1952, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) tissorvelja l-osservanza u l-applikazzjoni tajba tad-dritt tal-Unjoni fl-Istati Membri. Matul iż-żmien, hija tat sentenzi li saħħew l-integrazzjoni Ewropea filwaqt li tat liċ-ċittadini u, b'mod partikolari, liż-żgħażagħ, drittijiet iktar u iktar estiżi. Il-paġni li ġejjin jippreżentaw xi sentenzi fundamentali tal-Qorti tal-Ġustizzja, ikklassifikati f'temi.



## DRITTIJIET TAL-ISTUDENTI

**Minħabba n-numru dejjem jikber ta' studenti li jsegwu parti mill-istudji tagħhom fi Stat Membru ieħor barra minn tagħhom, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha quddiemha numru ta' kawżi f'dan il-qasam. B'hekk hija kellha tittratta l-kwistjonijiet segwenti: ikun hemm diskriminazzjoni kontra l-istudenti ta' Stati Membri oħra meta l-aċċess għall-universitajiet ta' Stat Membru jiġi llimitat għalihom? Stat Membru jista' jirrifjuta ċerta għajnuna lill-istudenti li tingħata minn Stati Membri oħra? U t-tfal tal-ħaddiema transkonfinali għandhom drittijiet fl-Istat Membru li fih il-ġenituri tagħhom jaħdmu?**



# DRITTIJIET TAL-ISTUDENTI

## L-aċċess għall-edukazzjoni ogħla

Fl-2004, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Belġju kien jiddiskrimina l-baċellerati ta' Stati Membri oħrajn (bħad-detenturi tal-baċellerat Franċiż jew tal-Abitur Ġermaniż), minħabba li dawn ma setgħux jaċċedu għall-edukazzjoni ogħla Belġjana fl-istess kundizzjonijiet bħal dawk irriżervati għall-baċellerati Belġjani (sentenza tal-1 ta' Lulju 2004, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, C-65/03). L-Awstrija kienet is-suġġett tal-istess konstatazzjoni sena iktar tard fl-2005 (sentenza tas-7 ta' Lulju 2005, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija, C-147/03).

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat ukoll fl-2010 li Stat Membru ma jistax, bħala prinċipju, jillimita r-reġistrazzjonijiet tal-istudenti ta' Stati Membri oħra għal ċertu taħriġ universitarju mediku, sakemm tali limitazzjoni ma tkunx iġġustifikata għal raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika. F'dan ir-rigward, l-Istat Membru għandu juri, bl-għajnuna ta' informazzjoni serja u konverġenti, li jkun hemm riskju ta' tnaqqis tan numru ta' gradwati lesti li jipprovdu servizzi tas-saħħa fit-territorju tiegħu (sentenza tat-13 ta' April 2010, Bressol et, C-73/08).



# DRITTIJIET TAL-ISTUDENTI



## Il-finanzjament tal-istudji u l-għajnuna mogħtija lill-Istudenti

Stat Membru ma jistax jirrifjuta self lill-istudenti jew borża ta' studju lill-istudenti li jirrisjedu fit-territorju tiegħu u li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti biex ikunu jistgħu jirrisjedu hemm (sentenza tal-15 ta' Marzu 2005, Bidar, C-209/03). Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jirriżervaw l-għoti ta' dan is-self jew ta' dawn il-boroż lill-istudenti li juru ċertu grad ta' integrazzjoni fis-soċjetà tagħhom u li jkunu qed jirrisjedu b'dan il-mod għal ċertu żmien fit-territorju tagħhom. Fuq dan il-punt, fl-2008, il-Qorti tal Ġustizzja qieset li rekwiżit ta' residenza minn qabel ta' 5 snin kien konformi mad-dritt tal-Unjoni (sentenza tat-18 ta' Novembru 2008, Förster, C-158/07).

Fl-2012, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Awstrija kienet qed tiddiskrimina kontra l-istudenti li ġejjin minn Stati Membri oħrajn, sa fejn kienu biss l-istudenti li l-ġenituri tagħhom kienu qed jieħdu allowances familjari Awstrijaki li setgħu jibbenefikaw mit-tariffi ta' trasport imnaqqsa (sentenza tal-4 ta' Ottubru 2012, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija, C-75/11).




## DRITTIJIET TAL-ISTUDENTI

## Is-sitwazzjoni tat-tfal tal-ħaddiema transkonfinali

Fl-2013, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li Stat Membru (f'dan il-każ, il Lussemburgu) ma jistax jirrifjuta sistematikament boroż ta' studju lit tfal ta' ħaddiema transkonfinali, anki jekk dawn ma jkunux jirrisjedu fit-territorju tiegħu. Fil-fatt huwa biżżejjed li l-ġenituri (jew wieħed mill-ġenituri) jaħdmu għal tul sinjifikattiv fl-Istat Membru inkwistjoni sabiex tiġi stabbilita rabta ta' konnessjoni suffiċjenti ma' dan l-Istat (sentenza tal-20 ta' Ġunju 2013, Giersch *et*, C-20/12).

Barra minn hekk il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li t-tfal tal-ħaddiema transkonfinali kienu qed jiġu ddiskriminati minħabba l-fatt li l-għajnuna għall-istudji barra mill pajjiż kienet irriżervata, f'dan il-pajjiż, lill-istudenti li kienu rrisjedew fit-territorju Olandiż għal mill-inqas 3 snin matul is-6 snin preċedenti. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan ir-rekwiżit ta' residenza kien wisq esklużiv (sentenza tal-14 ta' Ġunju 2012, Il Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, C-542/09).



# PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI

**Fl-età tal-kompjuters u tal-internet, ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni tad-data personali saru temi estremament sensittivi. B'mod partikolari l-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet għal żewġ domandi f'dan il-qasam: jeżisti dritt li tintesa' fil-magni tat-tiftix, u d-data personali taċ-ċittadini tal-Unjoni huma suffiċjentement protetti fi ħdan u lil hinn minn din l-Unjoni?**

Fl-2014, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet id-"dritt li tintesa'" fuq il-magni tat-tiftix. B'hekk persuna li tixtieq li link li jwassal għal informazzjoni dwar il-ħajja privata tagħha ma tidhirx iktar wara tiftixa mwettqa fuq il bażi ta' isimha tista' titlob lill-utenti tal-magna tat-tiftix u, fil-każ ta' rifjut, lill-awtoritajiet kompetenti biex jitneħħa dan il-link mil lista mir-riżultati. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, f'ċerti każijiet, id-dritt għall-informazzjoni tal-pubbliku jista' jwaqqaf talba għal tneħħija (sentenza tat-13 ta' Mejju 2014, Google Spain u Google, C-131/12).

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja fl-2015 annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tippermetti lil Facebook tittrasferixxi d-data personali tal-abbonati Ewropej tagħha lejn l-Istati Uniti, b'mod partikolari għaliex din id-deċiżjoni ma kinitx tiggarantixxi protezzjoni adegwata kontra l-aċċess mill-awtoritajiet Amerikani għad-data ttrasferita mill-pajjiżi tal-Unjoni (sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Schrems, C-362/14).



# DRITTIJIET TAL-PASSIĠĠIERI BL-AJRU



## Tliet biljun passiġġieri jużaw l-ajruplan kull sena. Il-Qorti tal Ġustizzja eżaminat id-drittijiet tagħhom u b'mod partikolari tat risposta għal domanda rikorrenti: f'liema każijiet u skont liema kundizzjonijiet kumpannija tal-ajru għandha tikkumpensa lill-passiġġieri?

Fl-2009, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-passiġġieri li t-titjira tagħhom tittardja bi tliet sigħat jew iktar għandhom id-dritt għal kumpens daqs il-passiġġieri li t-titjira tagħhom tiġi kkanċellata, sakemm il-kumpannija tal-ajru ma turix li d-dewmien ikun dovut għal ċirkustanzi straordinarji li jaħarbu mill-kontroll effettiv tagħha (sentenza tad-19 ta' Novembru 2009, Sturgeon, C-402/07). Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-ħabta ta' taraġ mobbli ta' imbark ma' ajruplan, kif ukoll il-parti l-kbira tal-problemi tekniċi mhux previsti, ma jikkostitwixxux ċirkustanzi straordinarji u b'hekk ma jeskludux id-dritt għal kumpens (sentenza tal-14 ta' Novembru 2014, Siewert et, C 394/14; sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, van der Lans, C-257/14).

Il-Qorti tal-Ġustizzja indikat ukoll fl-2004 li l-ħin tal-wasla effettiva tat-titjira jikkorrispondi għall-mument li fih għall-inqas wieħed mill-bibien tal-ajruplan jinfetaħ. Fil-fatt, dan huwa biss mill-mument li l-passiġġieri jkunu awtorizzati jitilqu l-ajruplan li huma jkunu jistgħu jkomplu bl-attivitajiet tagħhom mingħajr restrizzjonijiet (sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, Germanwings, C-452/13).



# DRITTIJIET TAL-KONSUMATURI

**Sa fejn ix-xbihat fuq l-ippakkjar tal-ikel u l-informazzjoni fuq il-melħ baxx ta' ilma minerali jistgħu jqarrqu lill-konsumatur? Hawn huma żewġ domandi li għalihom il-Qorti tal-Ġustizzja, fost is-sentenzi numerużi ddedikati għall-protezzjoni tal-konsumaturi, tat risposta reċentement.**

Fl-2015, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-konsumaturi għandhom ikollhom informazzjoni korretta, newtrali u oġġettiva. B'hekk, meta l-ippakkjar ta' prodott jissuġġerixxi l-preżenza ta' ingredjent li, fir-realtà, ikun assenti, ix-xerrej jista' jiġi mqarraq anki jekk il-lista tal-ingredjenti tkun eżatta. Dan kien il-każ ta' infużjoni tal-frott li l-ippakkjar tiegħu kien juri immaġini ta' lampun u ta' fjuri tal-vanilla, minkejja li l-infużjoni ma kien fiha ebda ingredjent naturali ta' dan il-frott (sentenza tal-4 ta' Ġunju 2015, Teekanne, C-195/14).

Dejjem fl-2015, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li l-kontenut tas-sodju indikat fuq l-ippakkjar tal-fliexken tal-ilma minerali għandu jirrifletti l-kwantità totali ta' sodju fil-forom kollha tiegħu (melħ tal-mejda u bikarbonat tas-sodju). Fil-fatt, il konsumatur jista' jiġi mqarraq jekk ilma jiġi ppreżentat bħala fqir fil-melħ, filwaqt li jkollu ħafna bikarbonat tas-sodju (sentenza tas-17 ta' Diċembru 2015, Neptune Distribution, C-157/14).



## SOĊJETÀ/SAĦĦA

**Peress li d-dritt tal-Unjoni jkopri oqsma mifruxa u varjati, ma huwiex rari li l-Qorti tal-Ġustizzja tiġi ffaċċjata b'domandi soċjali u ta' saħħa. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tirrispondi għal dawn iż-żewġ domandi: sieħeb fil-ħajja tal-istess sess jista' jkollu d-dritt għal pensjoni ta' armel, u ċ-ċittadini tal-Unjoni jistgħu jfittxu kura medika fi Stat Membru ieħor barra minn tagħhom?**

Diġà fl-1998, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li ċ-ċittadini tal-Unjoni jistgħu jfittxu kura medika fi Stat Membru ieħor barra minn tagħhom u jiġu rrimborsati skont it-tariffi tal-Istat ta' affiljazzjoni tagħhom (l-Istat li fih huma jkunu rreġistrati għall-assigurazzjoni tas-saħħa). Dan il-prinċipju jsib l-oriġini tiegħu fil-fatt li l-fond ta' assigurazzjoni tas-saħħa Lussemburgiża kienet irrifjutat lil żewġ Lussemburgiżi rispettivament ir-rimbors ta' nuċċali mixtri fil-Belġju u kura ortodontika fil-Ġermanja (sentenzi tat-28 ta' April 1998, Decker, C-120/95 u Kohll, C-158/96). Fir-rigward tal-kura fi sptar imħallsa fi Stat Membru ieħor, din hija ċertament suġġetta għal awtorizzazzjoni minn qabel min-naħa tal-Istat ta' affiljazzjoni, iżda ma għandhiex tiġi rrifjutata b'mod arbitrarju. B'mod partikolari, persuna tista' jkollha operazzjoni fi Stat Membru ieħor jekk id-data tal-operazzjoni fl-Istat tagħha stess taqbeż żmien raġonevoli fid-dawl tal-istat tas-saħħa tagħha (sentenza tat-12 ta' Lulju 2001, Smits u Peerbooms, C-157/99 u sentenza tas-16 ta' Mejju 2006, Watts, C-372/04).

Fl-2008, il-Qorti tal-Ġustizzja ġġudikat li r-rifjut li tingħata pensjoni ta' armel lil sieħeb fil-ħajja omosesswali kien jikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta bbażata fuq l-orjentament sesswali, peress li s-sieħeb fil-ħajja superstiti jinsab f'sitwazzjoni paragunabbli ma' dik ta' konjuġi superstiti. F'dan il-każ, fond tal-pensjoni ta' professjonisti Ġermaniż kien irrifjuta li jagħti pensjoni ta' armel lil persuna li s-sieħeb fil-ħajja tiegħu rreġistrat kien miet (sentenza tal-1 ta' April 2008, Maruko, C-267/06).



# SPORT

**F'diversi okkażjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddeċiedi tilwim li, essenzjalment, kien jirrigwarda l-isport, b'mod partikolari d-dritt għall-informazzjoni u l-aċċessibbiltà tar-ritrażmissjonijiet fil-qasam tal-kompetizzjonijiet sportivi.**

Mill-1995, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-plejers tal-futbol huma ħaddiema li b'hekk jistgħu liberament jissieħbu ma' klabb tal-għażla tagħhom malli l-kuntratt tagħhom jispiċċa, mingħajr ma jkun jista' jintalab kumpens mingħand il-klabb il-ġdid tagħhom. Huwa wara din is-sentenza li l-klabbijiet tal-futbol jistgħu jieħdu sehem f'kampjonat nazzjonali b'tim li ma jkollu ebda plejer bin-nazzjonalità tal-pajjiż fejn isir il-kampjonat (sentenza tal-15 ta' Diċembru 1995, Bosman, C-415/93).

Barra minn hekk il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat fl-2013 li l-Istati Membri jistgħu jimponu r-ritrażmissjoni f'aċċess liberu tal-partiti tal-kampjonat tad-dinja u tal-EURO tal-futbol (sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, UEFA u FIFA vs Il-Kummissjoni, C-201/11 u kawżi oħra). Dejjem fl-2013, il Qorti tal-Ġustizzja ġġudikat li l-awtoritajiet jistgħu jillimitaw l-ispejjeż tar-ritrażmissjonijiet ta' siltiet qosra tal-partiti tal-futbol, b'mod li l-kanali tat-televiżjoni jkunu jistgħu jwettqu rapporti qosra ta' informazzjoni bi prezz irħis (sentenza tat-22 ta' Jannar 2013, Sky Österreich, C-283/11).



# PROTEZZJONI TAL-AMBJENT

**Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' spiss ikollha l-okkażjoni tieħu konjizzjoni ta' temi marbutin mal-ambjent, għaliex huma numerużi dawk l-atti li jiġu ppromulgati mill-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam. B'dan il-mod, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà tat deċiżjoni fuq il-protezzjoni ta' numerużi speċi ta' annimali (għasafar, fkieren, ħamsters, linċi, eċċ.), fuq it-trattament tal-iskart u tal-ilma urban mormi, fuq l-osservanza tal-valuri limiti għad-dijossidu tan-nitroġenu, fuq ir-regoli ta' kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti ġejjin mill-foki jew ukoll fuq il-kwoti ta' emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra.**

Fil-kuntest tal-proċedura msejħa "nuqqas doppju" (għan-nuqqas ta' osservanza minn Stat Membru tal-ewwel sentenza mogħtija kontriha), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha opportunitajiet timponi sanzjonijiet finanzjarji xi kultant kbar fuq Stati Membri li ma kinux implementaw is-sentenzi tagħha fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali. B'hekk, l-ogħla somma f'daqqa (EUR 40 miljun) ġiet imposta fuq l-Italja fl-2014 għall-ksur tar-regoli tal-Unjoni dwar il-ġestjoni tal-iskart (sentenza tat-2 ta' Diċembru 2014, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-196/13). Fir-rigward tal-ikbar pagament ta' penalità (EUR 57.77 miljun għal kull semestru ta' dewmien), hija Franza li kienet suġġetta għaliha fl-2005, talli ma kkontrollatx korrettament is-sajd ta' ċertu ħut (il-marlozz taħt id-daqs minimu meħtieġ mill-Unjoni, sentenza tat-12 ta' Lulju 2005, Il-Kummissjoni vs Franza, C-304/02).



IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

Direttorat tal-Komunikazzjoni
Diviżjoni tal-Pubblikazzjonijiet u tal-Midja Elettronika

Ġunju 2017

QD-04-17-649-MT-N ISBN 978-92-829-2579-9 DOI 10.2862/656

*Stampat fuq karta ekoloġika*